



Brussell, 15 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10965/25

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0120(NLE)
2024/0321(NLE)

ENFOPOL 231
CRIMORG 117
CT 84
IXIM 141
COLAC 94
CORDROGUE 84
RELEX 881
JAIEX 65
JAI 931

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ekwador, min-naħa l-oħra, dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Ekwador, min-naħa l-oħra,
dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)
u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 88, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi li huwa possibbli li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) tittrasferixxi data personali lil awtorità ta' pajjiż terz abbażi ta', fost l-oħrajn, ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/...³⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ekwador, min-naħa l-oħra, dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.

² Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ekwador, min-naħa l-oħra, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu (ĠU L, ..., ELI: ...)

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST 10960/2025 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li tinsab fid-dokument ST 10969/2025.

- (3) Il-Ftehim jistabbilixxi relazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador, u jippermetti t-trasferiment ta' data personali u mhux personali bejniethom, bl-għan li jiġu miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu u li tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.
- (4) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”), inkluż id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta u d-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust, rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' data personali trasferita mill-Europol skont il-Ftehim.
- (5) Il-Ftehim ma jaffettwax, u huwa mingħajr preġudizzju għat-trasferiment ta' data personali jew forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.
- (6) Skont l-Artikolu 218(7) TFUE, ikun xieraq għall-Kunsill li jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi għall-Annessi II, III u IV tal-Ftehim.
- (7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u ta opinjoni fi ...⁺.
- (10) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ekwador, min-naħa l-oħra, dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet tal-Ekwador kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni⁵.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 31(2) tal-Ftehim, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-emendi tal-Annessi II, III u IV tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

⁵ It-test tal-Ftehim huwa ppublikat fi ĠU L, ..., ..., ELI: ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU tad-dokument ST 10969/2025].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁶.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁶ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.